31979L0661

31.7.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 192/35

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Lulju 1979

## li temenda d-Direttiva 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi

(79/661/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi [1] tistabbilixxi li, malli jiskadi l-perjodu ta' tlett snin minn notifikazzjoni tad-Direttiva, is-sustanzi u l-aġenti kuluranti fl-Anness IV tagħha għandhom jew ikunu permissibbli definittivament, jew ikunu pprojbiti definittivament, miżmuma għal perjodu miżjud ta' tlett snin fl-Anness IV, jew ikunu mneħħija mill-Annessi kollha;

Billi, minħabba l-komplessità tal-problemi li għandhom ikunu solvuti, dan it-terminu ta' żmien ma jistax jintlaħaq u għalhekk għandu jiġi estiż,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 76/768/KEE hija emendata kif ġej:

1. Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5, il-kliem "Għal perjodu ta' tlett snin minn notifika ta' din id-Direttiva" għandu jinbidel bi "Sal-31 ta' Diċembru 1980".
2. Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5, il-kliem "Malli jiskadi l-perjodu ta' tlett snin" għandu jinbidel bi "Mill-1 ta' Jannar 1981".

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Lulju 1979. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bihom.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 1979.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. O'KENNEDY

[1] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.